**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Frar, 2023**

**Rikors Numru 81/2022**

**Scott Fenech**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Scott Fenech** ippreżentat fil-31 ta' Awwissu, 2022, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

1. *Illi r-rikorrenti applika sabiex tinħariġlu liċenzja ta' gwardjan privat, pero permess ta' ittra ddatata 20/08/2022 maħruġa mill-Kummisarju tal-Pulizija (Dok A), it-talba tiegħu ġiet riġettata.*

2. *Illi, l-Kummissarju tal-Pulizija jargumenta lli ċ-ċaħda hija bbażata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 10(a)(i) tal- Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi, għalkemm il-verb tal-Liġi tgħid li f'tali ċirkostanza l-Kummissarju m'għandux joħroġ liċenzja, u kwindi d-deċiżjoni tidher tassattiva, fil-verita dan m'huwiex il-kas.*

4. *Illi, kiku ma kienx hemm element deskrizzjonali, l-liġi ma kienitx tipprovdi fl-Artikolu 11(3) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta'Malta li din d-deċiżjoni tista' tiġi attakkata quddiem dan it-Tribunal. Kiku l-liġi riedet mod ieħor, kienet teskludi d-dritt ta' rikors quddiem dan it-Tribunal fil-każijiet ikkontemplati fl-Artikolu su iċċitat.*

5. *Illi,għalkhemm hawn si tratta ta' Tribunal partikolari, u allura għandu ġurisdizzjoni ċirkomventa u kompetenza speċjali, xorta waħda in-natura ta' dan it-Tribunal hija ta'Qorti Amministrattiva.*

6. *Illi, għalhekk, it-test ewlieni f'każijeit ta' din ix-xorta għandu jkun dik ta' raġionavolezza.*

7. *Il-Qrati nostrali sa minn dejjem abbraċċaw dan il-prinċipju meta ddikjaraw li, għall-dak li jikkonċerna d-dritt amministrattiv insegwu d-duttrina Ingliża li tabbraccia in pien il-kunċett ta' dak li hu raġionevoli.*

8. *Illi, dan il-prinċipju umbgħad ġie ikkristalizzzat fil-liġi posittiva tagħna, ossia fl-Artikiolu 469A tal-Kodiċi Ċivili.*

9. *Illi, għandu jingħad li d-deċiżjoni meħuda fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kas in diżamina ma tistax titqied bħala waħda raġionevoli u dan minħabba bosta fatturi, fosthom is-segwenti:*

   A) *Ir-reat allegatament kommess mill-esponenet jirrisali lura għas-sena 2007, u allura għadda ħafna żmien u minn dak iż-żmien l'hawn l-esponenet qatt ma reġa ikkommetta reat ieħor, allura m'huwiex raġionevoli li bniedem li jkun ikkommetta reat meta jkun għadu tifel ibqa' jbati l-konsegwenzi ta' dak id-delitt għall matul ħajtu kollha;*
   B) *Il-Liġi tagħna stess, illum il-ġurnata fil-Kapitolu 77 irrikonoxxit dan l-argument, tant li abbażi tal-istess Liġi, il-kondotta tal-esponenet illum toħroġ netta, u dan sabiex ma' jkollux tfixkiel u impediment sabiex jsieb xol.*

10. *Illi, pero f'dan il-kas, essendo li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu aċċess legali għall-fedina penali tal-esponenet, il-benefiċċju li jidher li ġie konċess lilu mill-Kapitolu 77 ġie iċċirkonventat u għalhekk qed ibgħati preġudizzju għaliex ma jistax isieb xol li jixtieq hu minħabba inċident li jirrisali għall-ħafna żmien ilu.*

*Għaldaqstant, r-rikiorrenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jgħoġbum anke a tenur għall dak li jipprovdi il-predispost tal-Artikolu 11(3) tal-Kap 389 tal- Liġijiet ta' Malta, jirrevoka d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju tal-Pulizija, u tordna li tingħatalu l-liċenzja.*

Ra r-risposta **<u>tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>** datata 22 ta' Settembru, 2022, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-Kummissarju esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati li wettaq diversi reati matul iż-żmien, fosthom li nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2007 talli "għall-ħabta ta' tmienja ta' filgħaxija ikkometta serq minn fuq il-persuna ta' Michael Raymond Sciberras, minn ġewwa Triq il-Ġojjin, Fgura, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza ...bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin...", kif ukoll fis-sena 2009 ħebb għal persuna, fis-sena 2011 evada t-taxxa fiskali u fl-14 ta' Jannar 2012 inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' kuntistabbli waqt li dan tal-aħħar kien qed jagħmel xogħlu. Dawn ir-reati huma lkoll elenkati fil-fedina penali hawnn annessa u mmarkata bħala 'Dok. COP' u r-reat rigward is-serq kommess fl-2007 jikkostitwixxi delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-esponent ikkunsidra li wieħed mir-reati mwettqa mir-rikorrent jikkostitwixxi delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk jikkunsidra li dan ir-reat kif ukoll l-oħrajn kommessi mir-rikorrent huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara* **Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**[1] *deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

4. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew bil-vjolenza" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*
5. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli;*

6. *Illi magħdud ma' dan u b'referenza għal għaxar premessa tar-rikorrent, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċjoe' huwa qiegħed ibagħti preġudizzju għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-*

[1] Rks 87/2020.

*rikorrent, minħabba li wettaq reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jistgħa jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat;*

7. *lli finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 23 ta' Awwissu, 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.*

*Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta) peress illi jirriżulta li inti, instabt ħatja ta' delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2, 329,37) permezz ta' sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek nhar is-6 ta' Lulju, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, dwar serq.*

**Ikkunsidra:**

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10 (a) (i) tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`, liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*"Il-Kummissarju **għandu**[2] jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

> *(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta'* ***xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)*** *jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma hux inkluż fl-istess sub-inċiż, jistgħax jiġi kkunsidrat bħala gravi jew le.

Illi mill-fedina penali esebita minn fol. 13 sa 15 tal-proċess jirriżulta illi r-rikorrent kien ġie misjub ħati li:

1. F'Settembru, 2007, ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1000);
2. F'Ġunju 2010 kien sprovvist minn *cash register* fiskali waqt li kien qiegħed jeżerċita n-negozju; u
3. F'Jannar, 2012, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq uffiċjal pubbliku u ma obdiex l-ordnijiet tal-istess uffiċjal.

Illi pero` jirriżulta illi l-Kummissarju intimat straħ fuq l-ewwel sentenza ċitata li tirrigwarda s-serq aggravat sabiex iddeċieda fuq l-applikazzjoni tar-rikorrenti.

Illi l-ħidma tal-gwadjani privati hija waħda li tissupplimenta u tikkumplimenta dik tal-Korp tal-Pulizija sabiex ikun hawn l-ordni fil-pajjiż.

---

[2] Enfasi tat-Tribunal

Illi d-difensur tar-rikorrenti ssottometta illi l-inċident li abbażi tiegħu il-Kummissarju intimat irrifjuta l-permess in kwistjoni ġara iktar minn ħmistax-il sena ilu u li kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kummissarju intimat, l-istess Kummissarju għandu diskrezzjoni jekk jilqax jew le applikazzjoni anke fejn jidħlu r-reati msemmija f'artikolu 10 (a) (i). Id-difensur tar-rikorrenti saħaq illi li kieku l-Kummissarju intimat m'għandu ebda diskrezzjoni ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta allura l-leġislatur ma kienx jagħti opportunita` lil min iħossu aggravat li jintavola appell.

Illi d-difensur tar-rikorrenti saħaq ukoll illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat trid tkun waħda "raġjonevoli" u fiċ-ċirkostanzi ma kinitx in vista tat-trapass taż-żmien. Jisħaq ukoll li li kieku l-Kummissarju m'għandu ebda diskrezzjoni allura r-rikorrent kien se jkun qiegħed jiġi punit darbtejn.

Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem l-argumenti mressqa mid-difensur tar-rikorrent, ma jaqbilx mal-istess argumenti. Illi l-liġi hija ċara ħafna u ma tagħti ebda tip ta diskrezzjoni lill-Kummissarju intimat, jgħaddi kemm jgħaddi żmien mit-twettieq ta' ċerti reati, inkluż dak li r-rikorrent instab ħati tiegħu permezz ta' sentenza datata 6 ta' Lulju 2007. Illi l-leġislatur ta opportunita` ta' appell anke fejn jidħol l-artikolu 10 (a) (i) għaliex jista' jkun li jkun hemm żball fl-interpretazzjoni ta' jekk reat jew ieħor huwiex xi wieħed minn dawk elenkati fl-imsemmi artikolu. Pero` ladarba dan it-Tribunal huwa konvint illi r-reat imwettaq mir-rikorrent fl-2007 huwa wieħed mir-reati elenkati f'artikolu 10 (a) (i), la dan it-Tribunal u lanqas il-Kummissarju intimat ma għandhom xi diskrezzjoni dwar il-mod kif għandhom jitrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrent.

Illi t-Tribunal ħa wkoll in konsiderazzjoni illi r-rikorrenti ilu jaħdem numru ta' snin ġewwa l-Freeport pero` dan bl-ebda mod ma jista' jservi ta' piż fuq id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni in kwistjoni. Illi t-Tribunal jista' jifhem ukoll illi għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta twettaq ir-reat in diżamina, pero` kif intqal qabel, dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi b'mod suġġettiv iżda jrid isegwi l-interpretazzjoni tal-liġi bl-iktar mod loġiku u oġġettiv. Li kieku kien mod ieħor allura tisparixxi dik l-oġġettivita` li dan it-Tribunal huwa rikjest li jeżerċita fl-għoti tad-deċiżjonijiet tiegħu. Illi di piu`dan it-Tribunal ċertament mhux il-forum idoneju biex jesprimi ruħu dwar jekk liġi hix ġusta jew le.

Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-istess Kummissarju datata 23 ta' Awwissu 2022 u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**